



## Minkejja l-isfidi mingħajr preċedent marbuta mal-pandemija, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żgurat, matul is-sena 2020, livell għoli ta' attività

Matul is-sena 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rnexxielha żżomm livell għoli ta' attività f'kuntest ikkaratterizzat mix-xogħol mid-dar u minn restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li għamluha impossibbli li jinżammu seduti bejn is-16 ta' Marzu u l-25 ta' Mejju 2020. Minn dak inhar 'il quddiem u b'osservanza ta' miżuri sanitarji stretti, l-awli reġgħu fetħu l-biben tagħhom għar-rappreżentanti tal-partijiet u għall-pubbliku, fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u konformement mal-prinċipju li s-seduti jinżammu fil-pubbliku.

Din il-kontinwità fis-servizz kienet possibbli bis-saħħa tal-eżistenza minn qabel ta' strutturi u ta' pjanijiet ta' kriżi, bis-saħħa tal-implimentazzjoni ta' protokollu sanitarji rigorużi, bis-saħħa ta' strateġija bikrija sabiex il-membri tal-persunal jiġu mgħammra b'taġħmir informatiku maħsub għax-xogħol mill-bogħod u bis-saħħa ta' aġġustament tal-modalitajiet tax-xogħol b'osservanza tar-regoli proċedurali. Kif jenfasizza l-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, Koen Lenaerts, "[i]l-pjanijiet ta' kriżi li ġew implimentati mill-bidu tal-lockdown, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-uffiċċji tal-Membri u mad-dipartimenti tal-istituzzjoni, ippermettew li jiġu żgurati funzjonament kemm jista' jkun normali tal-grati u l-kontinwità tal-attività fis-servizz tal-ġustizzja Ewropea".

B'mod partikolari, l-Istituzzjoni għamlet arranġamenti sabiex ir-rappreżentanti tal-partijiet (avukati u aġenti li jirrapreżentaw lill-istituzzjonijiet u lill-Gvernijiet tal-Istati Membri) li għalihom kien impossibbli li jivvjaġġaw lejn il-Lussemburgu setgħu jipparteċipaw fis-seduti mill-bogħod. Għal dan il-għan, l-Istituzzjoni ħejjiet sistema speċifika ta' videokonferenza li tippermetti l-interpretazzjoni simultanja, potenzjalment, minn u lejn l-24 lingwa uffiċjali. Fl-2020, inżammu 40 seduta bil-videokonferenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u 37 quddiem il-Qorti Ġenerali, li f'uħud minnhom sa erba' partijiet ipparteċipaw mill-bogħod. Din is-sistema għadha qiegħda tintuża matul dan il-kuntest ta' pandemija fil-bidu tas-sena 2021.

Flimkien, dawn il-miżuri ppermettew lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti Ġenerali jkomplu bil-proċeduri pendenti, jagħtu deċiżjonijiet f'termini ekwivalenti għal dawk irreġistrati fi żminijiet normali, jipprovdu l-verżjonijiet tas-sentenzi u tad-digriet bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni u jiżguraw il-pubblikazzjoni u x-xandir tagħhom.

Madankollu, il-miżuri ta' lockdown u r-restrizzjonijiet intiżi li titwaqqaf il-pandemija li ġew adottati mill-maġġoranza tal-Istati Membri kellhom, inevitabbilment, ċertu impatt fuq l-attività ekonomika u fuq l-attività tal-grati tal-Istati Membri, bil-konsegwenza li kien hemm tnaqqis fin-numru tal-kawżi mressqa. Globalment, **tressqu 1 582 kawża** quddiem iż-żewġ qrati tal-Unjoni, li huwa numru inqas min-numru rekord tas-sena preċedenti (1 905), iżda huwa qrib tan-numri rreġistrati fis-sena 2018 (1 683) u fis-sena 2017 (1 656).

Xejra simili tista' tiġi osservata fir-rigward tal-**kawżi magħluqa**, li n-numru tagħhom jammonta għal **1 540**, jiġifieri tnaqqis ta' 11 % meta mqabbel mas-sena 2019 (1 739). Madankollu, dan il-livell ta' attività huwa simili għal dak irreġistrat fl-2017 (1 594) u huwa saħansitra oġġla minn dak tal-

2016 (1 459). Sabiex jiġi evalwat minn perspettiva korretta, dan ir-riżultat għandu jittqies fid-dawl tal-fatt li ż-żewġ qrati ma setgħux iżommu seduti matul iktar minn xahrejn matul is-sena 2020.

Fl-aħħar nett, **it-tul tal-proċeduri** tal-kawżi maqtugħa quddiem iż-żewġ qrati fl-2020 jilħaq livell storikament baxx, b'medja ta' **15.4 xhur**, li huwa xhieda tal-isforzi kostanti sabiex jintlaħaq l-għan li titjeb l-effettività fil-ġestjoni tal-proċeduri.


## II-Qorti tal-Ġustizzja

Fir-rigward tal-kawżi mressqa (735), bħal fis-sentejn preċedenti, huma essenzjalment it-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jiffurmaw l-ikbar parti tal-kawżi ġodda mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sa fejn jammontaw għal 556 kawża (meta mqabbla ma' 641 fl-2019). Il-Ġermanja tibqa' fl-ewwel post bħala l-pajjiż minn fejn l-iktar joriġinaw ir-rinviji għal deċiżjoni preliminari (139 kawża), segwita mill-Awstrija (50), mill-Italja (44) u mill-Polonja (41). Il-131 appell ippreżentati fl-2020 jiffurmaw it-tieni l-ikbar kategorija ta' kawżi mressqa għalkemm kien hemm tnaqqis sinjifikattiv fin-numru tagħhom (266 fl-2019).

Mill-perspettiva tal-kawżi magħluqa, in-numru tagħhom, li jammonta għal 792, huwa wieħed eċċezzjonali sa fejn, għalkemm huwa inqas min-numru rekord tas-sena 2019 (865), huwa nettament ogħla minn dak tas-snin 2018 (760) u 2017 (699), u dan minkejja l-isfidi marbuta mal-pandemija.

Barra minn hekk, in-numru ta' kawżi pendenti naqas sew peress li, fl-aħħar tas-sena 2020, kien ta' 1 045, meta mqabbel ma' 1 102 fl-aħħar tas-sena 2019.

Il-Qorti tal-Ġustizzja nrexxielha wkoll tonora l-impenji tagħha fir-rigward tat-tul tal-proċeduri li, minkejja żieda żgħira ħafna fil-każ ta' ċerti tipi ta' rikors (15.8 xhur għall-proċeduri għal deċiżjoni preliminari, meta mqabbla ma' 15.5 fl-2019), baqa' globalment fil-livell tat-tul irreġistrat fl-2019.



	2016	2017	2018	2019	2020
Kawżi ġodda	692	739	849	966	735

Kawżi magħluqa	704	699	760	865	792
Kawżi pendenti	872	912	1 001	1 102	1 045

## II-Qorti Ġenerali


Il-Qorti Ġenerali rreġistrat tnaqqis fin-numru ta' kawżi mressqa fl-2020, li niżel għal 847 kawża minn 939 kawża fl-2019. In-numru ta' kawżi dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali baqa' l-oġġla (282) wieħed, filwaqt li l-parti l-kbira tal-kawżi l-oħra jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal (120), id-dritt istituzzjonali (65) u l-għajjuna mill-Istat (42).

Fir-rigward tal-kawżi magħluqa (748), 237 kawża jikkonċernaw il-proprjetà intellettuali, 127 kawża jikkonċernaw id-dritt istituzzjonali u 79 jikkonċernaw is-servizz pubbliku Ewropew. Tajjeb li jiġi enfasizzat li n-numru ta' kawżi maqtugħa minn awli b'ħames Imħallfin kważi rdoppja bejn l-2019 u l-2020 (59 meta mqabbla ma' 111), fatt dan li jikkontribwixxi għal għustizzja ta' kwalità u għal awtorità ikbar għas-sentenzi mogħtija mill-qorti.

It-tul medju tal-proċeduri kompli jonqos u laħaq tul rekord ta' 15.4 xhur għall-kategoriji kollha tal-kawżi. B'hekk, intlaħaq l-għan tat-tnaqqis tat-tul tal-proċeduri li l-Qorti Ġenerali kienet stabbilixxiet għaliha stess.

In-numru ta' kawżi li fihom inżammet seduta fl-2020 huwa numru eċċezzjonali għaliex jammonta għal 335 (li minnhom 275 nżammu bejn Mejju u Diċembru 2020), meta mqabbel ma' 315 fl-2019, u dan minkejja li s-seduti kienu sospiżi għal diversi ġimgħat.

Kif jenfasizza l-President tal-Qorti Ġenerali, Marc van der Woude, il-qorti "irrevediet b'mod profund u kontinwu l-mod ta' funzjonament intern tagħha sabiex tadatta ruħha għall-inċertezzi tal-kriżi" u għall-isfidi għodda li jħabbtu wiċċhom magħhom l-partijiet fil-kawżi.



	2016	2017	2018	2019	2020
Kawżi għodda	974	917	834	939	847
Kawżi magħluqa	755	895	1009	874	748

Kawżi pendenti		1 486		1 508		1 333		1 398		1 497
----------------	--	-------	--	-------	--	-------	--	-------	--	-------

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*